**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Frar 2018

Rikors Guramentat Nru : 232/13 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet kienu zzewgu fis-sitta ta' Gunju tas-sena elf disa mija u tlieta u disghin (06/06/1993) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, S, li twilditilhom fl-ewwel ta' Dicembru tas-sena elf disa mija u tlieta u disghin (01/12/1993);
2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt tat-tnax ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (12/12/2002), in atti Nutar Joseph Henry Sciriha (Ara Dok. "B" hawn unit), u in forza ta' dan l-att l-intimat C D kien obbliga ruhu li jissoministra manteniment lil martu l-attrici is-somma ta' disa u sittin euro punt tmienja u tmenin centezmi (€69.88c) (tletin Lira Maltin (LM 30)) fil-gimgha bhala manteniment ghall-bzonnijiet tat-tifla komuni taghhom, liema manteniment kellu jigi rivedut automatikament kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja

minghajr il-htiega ta' l-ebda proceduri gudizzjarji (Ara Artikoli 6.7.1 u 6.7.2 tad-Dok. "B");

3. Illi S, l-imsemmija tifla komuni tal-partijiet, kompliet tistudja anke wara li ghalqet l-eta' ta' tmintax il-sena u fil-fatt kompliet tippartecipa f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim "full time" fl-Iskola Sekondarja Giovanni Curmi, n-Naxxar, u ghalhekk l-intimat kien obbligat skont il-ligi biex ikompli jipprovdi manteniment adegwat ghall-istess bintu S li kienet tghix ma ommha;
4. Illi l-intimat naqas li jipprovdi manteniment adegwat ghal bintu ghall-perjodu mill-1 ta' Dicembru 2011 sal-21 Jannar 2013, f'liema perijodu S kienet tghix ma ommha;
5. Illi skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja l-manteniment kien awmenta ruhu, fis-sena 2012, ghas-somma ta' €337.12c kull erba gimghat;
6. Illi l-intimat waqa' lura fil-hlas ta' manteniment lill-attrici fis-somma ta' €3,885.16c; in kwantu ghal €3,174.32c bhala manteniment dovut mill-1 ta' Dicembru 2011 sal-31 ta' Awissu 2012 f'liema perijodu l-esponenti kellha taghmel tajjeb hi ghall-bzonnijiet kollha ta' bintha, u in kwantu ghal €710.84c bhala bilanc ta' manteniment ghall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2012 sal-21 ta' Jannar 2013 f'liema perjodu l-intimat kien ihallas il-manteniment minghajr l-ebda awment kif stipulate fl-istess kuntratt ta' separazzjoni;
7. Illi peress li l-intimat naqas li jhallas dak minnu dovut kif fuq spjegat l-esponenti talbet u ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni, permezz ta' Digriet numru 2239/2013 (Ara Dok "C" hawn unit) biex tipprocedi bic-citazzjoni opportuna;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat kien obbligat skont il-ligi li jkompli jipprovdi manteniment adegwat ghal bintu S u dana peress l-imsemmija bintu kompliet tippartecipa f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim "full time" anke wara li hija ghalqet l-eta ta' tmintax il-sena;
2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-attrici s-somma ta' €3,885.16c bhala arretrati ta' manteniment ghat-tifla S ghall-perijodu mill-1 ta' Dicembru 2011 sal-21 ta' Jannar 2013 kif fuq inghad;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-procedura tal-medjazzjoni u tal-mandat ta' sekwestru numru 50/2013 kontra l-intimat minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fol 44)

1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti m'ghandhiex l-interess guridiku necessarju sabiex tressaq il-kawza odjerna stante li l-ammont reklamat huwa se mai dovut lil bint il-partijiet, li fiz-zmien in kwisjtoni kienet maggorenni;
2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont reklamat gie debitament imhallas;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw waqt il-prosegwiment tal-kawza u l-prezentata tad-dokumentazzjoni kollha li bhalissa m'hijiex fil-pussess tal-eccipjenti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista ta-xhieda tal-konvenut;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2015[1], illi permezz tiegħu, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi sabiex ir-risposta tal-konvenut tiġi sfilzata stante illi ġiet ippreżentata tardivament; Il-Qorti ddikjarat illi l-konvenut m'huwiex kontumaċi f'dawn il-proċeduri;

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu 2016[2], illi permezz tagħha, il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li l-attriċi m'għandhiex l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tressaq il-kawża odjerna stante li l-ammont reklamat huwa *se mai* dovut lil bint il-partjiet, li fiż-żmien in kwistjoni kienet maġġorenni;

---

[1] Fol. 70

[2] Fol. 103

Rat id-dokumenti kollha esebiti inkluż il-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-partijiet ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha fit-12 ta' Diċembru 2002[3];

Semgħet ix-xiehda tal-partijiet u ta' binthom S D[4].

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Bint il-partijiet, imwielda fl-1 ta' Diċembru 1993, saret maġġorenni fl-1 ta' Diċembru 2011. Hija baqgħet tistudja b'mod fiss oltre l-għeluq tat-tmintax-il sena tagħha, billi kienet tattendi l-Iskola Sekondarja Giovanni Curmi, in-Naxxar[5]. Hija baqgħet, fil-frattemp, tirrisjedi ma' ommha sal-21 ta' Jannar 2013, f'liema data telqet tgħix għal rasha. Hija kompliet bl-istudji tagħha anke wara li telqet mir-residenza t'ommha.

L-attriċi tallega li l-konvenut naqas li jħallasha manteniment adegwat għal binthom mill-1 ta' Diċembru 2011 sal-21 ta' Jannar 2013.

L-attriċi titlob li l-konvenut iħallasha s-somma totali ta' €3885.16 li jinqasmu:
€3174.32 – rappreżentanti manteniment mill-1 ta' Diċembru 2011 sal-31 t'Awwissu 2012;
€710.84 - rappreżentanti l-awment fil-manteniment bejn l-1 ta' Settembru 2012 sal-21 ta' Jannar 2013 (€598.60 fl-2012 u €112.24 għall-2013). F'dan il-perjodu, l-attriċi tallega illi l-konvenut kien iħallas parti mill-manteniment (mingħajr l-awment) direttament lil bintu.

---

[3] Fol. 10

[4] L-attriċi u Simona Barnett instemgħu fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju 2016, fol. 111; u l-konvenut instema' fl-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2016, fol. 123

[5] Dana jirriżulta mid-dokumenti esebiti mill-attriċi fol. 81 et seq.

Il-klawżoli, fil-kuntratt tas-separazzjoni personali tal-partijiet, relattivi għall-manteniment ta' bint il-partijiet huwa s-segwenti:

*"6.7.1. The husband binds himself to pay the wife the sum of thirty Maltese Liri (Lm30) per week as maintenance for the needs of their daughter. The maintenance shall be paid every two weeks by standing orders of sixty Maltese Liri each (Lm6) for two weeks in advance into a bank account designated by the wife.*

*6.7.2. Such maintenance is to be revised automatically, without the need for any judicial proceedings, every two years according to the cost of living resulting from the cost of living index made by the competent authorities. Such revision shall take place automatically without there being the need of judicial proceedings.*

*6.7.3. The above mentioned maintenance is to be paid till the day their daughter is either (a) eighteen years f age or (b) working full-time in a steady job, depending on which of these two occurs first."*

Minkejja dan iċċitat mill-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet, fejn jistipula li l-manteniment huwa pagabbli sakemm bint il-partijiet tilħaq l-eta` ta' tmintax-il sena, dan il-ftehim ġie sorvolat bil-leġislazzjoni, partikolarment bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Avviż Legali XIV tas-sena 2011, fejn dana emenda l-artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili[6], billi speċifika illi ladarba l-ulied ikunu jistudjaw u jitħarrġu *full-time*, huma jibqgħu jiġu mantnuti mill-ġenituri tagħhom, sakemm jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena.[7] Għaldaqstant bl-applikazzjoni tal-istess sub-inċiż, il-konvenut kellu jibqa' jivversa lill-attriċi l-manteniment għal binthom S, oltre l-għeluq tat-tmintax-il sena tagħha, sakemm dina baqgħet tistudja/titħarreġ *full-time* jew sakemm tilħaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, skont liema tavvera ruħha l-ewwel.

Illi l-attriċi llimitat il-pretensjoni tagħha għall-perjodu li binthom baqgħet tgħix magħha u dana stante illi dina telqet mid-dar t'ommha u stabbiliet residenza għaliha f'Jannar 2013.

---

[6] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[7] Ara f'dan is-sens id-deċiżjoni fl-ismijiet Dennis Farrugia vs. Loren sive Lorraine Farrugia, deċiża fl-10 t'Ottubru 2017 (Rikors Ġuramentat: 161/11AL)

Jirriżulta ppruvat mid-dokumenti bankarji esebiti[8] illi l-konvenut beda jħallas il-manteniment direttament lil bintu mill-14 ta' Settembru 2012 fl-ammont ta' €102.50 kull ħmistax-il jum. Għal dan il-perjodu, l-attriċi m'hijiex qiegħda titlob manteniment sħiħ, iżda biss id-differenza bejn dak l-ammont dovut għall-ammont li l-konvenut effettivament ħallas lil bintu.

M'hemm l-ebda prova li turi li l-konvenut ħallas il-manteniment dovut direttament lil bintu fil-perjodu reklamat bejn l-1 ta' Diċembru 2011 sal-31 t'Awwissu 2012.

Il-Qorti tirrileva li l-manteniment ta' tletin Lira Maltija (Lm30) fil-ġimgħa, ekwivalenti għal disgħa u sittin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88), ikkuntrattati fl-2002[9], skont l-Indiċi tal-Inflazzjoni kif stipulat fil-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, għola għal:
sitta u tmenin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€86.57) fl-2011[10],
tmienja u tmenin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€88.66) fl-2012[11] u
disgħa u tmenin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€89.89) fl-2013[12].

Illi skont il-kalkoli ta' din il-Qorti, il-konvenut huwa dovut iħallas is-segwenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2011: | ħames (5) ġimgħat bir-rata ta' €86.57 | = | €432.85 |
| 2012: | erbgħ u tletin (34) ġimgħat bir-rata ta' €88.66 | = | €3014.44 |
| 2012: | tmintax-il (18) ġimgħa bir-rata ta' €88.66 | = | €1595.88 |
| | naqqas tmintax-il(18) ġimgħa bir-rata ta' €51.25[13] | = | -€922.50 |
| 2013: | tliet (3) ġimgħat bir-rata ta' €89.89 | = | €269.67 |
| | naqqas tliet (3) ġimgħat bir-rata ta' €51.25[14] | = | - €153.75 |
| **Total Dovut** | | | **€4236.59** |

[8] Fol. 89 et seq u wkoll fol. 134 et seq.

[9] Indiċi tal-Inflazzjoni: 638.54

[10] Indiċi tal-Inflazzjoni: 791.02

[11] Indiċi tal-Inflazzjoni: 810.16

[12] Indiċi tal-Inflazzjoni: 821.34

[13] L-ammont ġja imħallas kull ġimgħa mill-konvenut huwa ta' €51.25 (€102.50)

[14] L-ammont ġja imħallas kull ġimgħa mill-konvenut huwa ta' €51.25 (€102.50)

Illi l-Qorti hija marbuta bit-termini tat-talba attriċi u ma tistax tagħti iktar milli mitlub minnha, minkejja li l-kalkoli tagħha ssorpassaw dak mitlub mill-attriċi. Għaldaqstant, filwaqt illi ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet attriċi, ser tillimita l-ammont dovut mill-konvenut lill-attriċi, sat-talba tal-attriċi, li hija ta' tlett'elef tmien mija u ħamsa u tmenin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€3,885.16).

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u konsegwentement tiddikjara illi l-intimat kien obbligat skont il-liġi iħallas manteniment adegwat għal bintu S wara li hija għalqet l-eta` ta' tmintax-il sena, stante li hija kompliet tippartecipa fit-tagħlim b'mod fiss.

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-intimat iħallas lill-attriċi is-somma ta' tlett'elef, tmien mija u ħamsa u tmenin Ewro u sittax-il ċenteżmu (€3,885.16, rappreżentanti arretrati ta' manteniment għal binthom S, għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2011 sal-31 ta' Jannar 2013, bl-imgħax legali dekorribbli mill-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti, inkluż tal-mandat ta' sekwestru nnumerat 50/2013, ikunu sopportati mill-konvenut.